MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2013

Numru 238/2012

Il-Pulizija
(Spettur Darren Buhagiar)
vs
Stefan Cutajar

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 203984 (M), akkuzat talli:
1. Fis-26 ta' Frar 2012 f'xi hin bejn 16:45 u 17:15 ta' wara nofsinhar, minn gewwa iz-Zona Industrijali ta' Kordin, Rahal Gdid, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe serq minn gewwa vettura ta' l-ghamla Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni ROD – 210, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ra bidu ta' l-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali mill-volonta;' tieghu, fejn li kieku sehh kien ikun serq aggravate bil-mezz, valur u bix-xorta tal-haga misruqa;
2. U iktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg

haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara fuq vettura tal-ghamla Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni ROD – 210, liema ammont tal-hsara hija izjed minn 116.47 Euro, izda ma tiskorrix l-1164.69 Euro;
3. U iktar talli kiser il-provedimenti tal-Artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 21 ta' Frar 2011;
4. U iktar talli kkometta serq matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 19 ta'; Mejju 2010;
5. Finalment akkuzat talli sar ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux apposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat

L-imputazzjonijiet kontra l-imputat jipotizzaw l-falsifikazjoni ta' att pubbliku u l-uzu xjenti tal-istess att, l-ghoti ta' dikjarazzjoni jew stqarrija falza lil xi awtorita' pubblika, l-uzu ta' marka ta' registrazzjoni differenti minn dik moghtija mill-awtorita pubblika, t-twahhi u l-uzu ta' pjanci ta registrazzjoni mhux veritjiera, nuqqas ta' kopertura b'polza ta' assikurazzjoni.

Mill-provi ikkonfermati fitt-trattazzjoni orali ghandu jirrizulta li l-ewwel erba' imputazzjonijiet ma jregux oltra li s-seba' imputazzjoni hija preskritta. Dan ghandu jirrizulta kif d'altronde jammetti l-istess ufficjal prosekutur.

In vista ta' dan ssib lill-imputat hat ital-hames u s-sitt imputazzjoni u tilliberah mill-bqija. Rat ir-regolament 44(c) u 32 (5) tal-Avviz Legali 198/2009 u tikkundannah ghal multa ta' 100 Euro komplessivament.

A.M.Trigona
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------